**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 19 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 76/2018 AF**

**Valletta Freight Services Limited (C-3478)**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**

**u b'digriet tas-7 ta' Frar 2019, il-Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Valletta Freight Services Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar l-14 ta’ Novembru, 2017, l-esponenti intavolat rikors a tenur tal-artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali fejn talbet lill-Qorti tal-Magistrati sabiex wara li tisma l-provi li ntrabtet li ggib ir-rikorrenti u dawk li kien sejjer igib il-Kummissarju tal-Pulizija u sussegwentament ssib li hemm *prima facie* lok ghal denunzja, tordna lill-Pulizija sabiex tmexxi l-proceduri mehtiega.

Sussegwentament ghar-rikors pprezentat mis-socjetà rikorrenti a tenur tal-artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali, David Jones bhala r-rapprezentant legali tas-socjetà rikorrenti, obbliga ruhu, taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) li jaghti fil-kawza, jekk ikun imsejjah, ix-xhieda tieghu kif ukoll dawk il-provi kollha li kienu accessibbli ghall-istess socjetà sabiex il-kwerela tal-istess socjetà tkun tista’ tigi ssostanzjata.

In segwitu, b’digriet ta’ nhar is-7 ta’ Dicembru, 2017, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet ‘Valletta Freight Services (C-3478) vs Il-Kummissarju tal-Pulizija’ ordnat “notifika tar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija lir-rikorrent li ghandu hames (5) t’ijiem biex iwiegeb, jikkummenta jew jirregola ruhu skond il-kaz”.

Madanakollu tali risposta baqghet qatt ma giet notifikata lis-socjetà rikorrenti jew lir-rapprezentant legali taghha.

Ghaldaqstant is-socjetà rikorrenti, fid-dawl tal-fatt illi tali risposta baqghet qatt ma giet notifikata lilha jew lir-rapprezentant legali taghha, ma setghet qatt twiegeb jew tikkummenta ghal dak mistqarr mill-Kummissarju tal-Pulizija u sussegwentament l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati b’digriet ta’ nhar is-17 ta’ Marzu, 2018 ddecidiet illi “stante li ma gewx sodisfatti l-voti tal-Ligi nonché ma jirrizultax li l-inerzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kienetx dovuta ghal ragunijiet ingustifikati, tichad it-talba.” Permezz ta’ tali digriet, l-Onorabbli

Qorti tal-Magistrati ordnat notifika ta' dak id-digriet u l-atti tal-kawza lill-partijiet.

Kien biss wara li s-socjetà rikorrenti giet notfikata bid-digriet ahhari kif ukoll bl-atti tal-kawza illi saret taf bid-digriet ta' nhar is-7 ta' Dicembru, ossia bl-opportunità illi twiegeb ghar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tipproduci dawk il-provi kollha li kienu fil-pussess taghha.

Sussegwentament a bazi tas-suespost, is-socjetà rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva ohra ghajr li tintavola rikors fil-Qorti Kriminali a tenur tal-artikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali fejn permezz tal-istess rikors talbet lill-Qorti Kriminali sabiex tirrevoka l-imsemmi digriet ta' nhar is-17 ta' Marzu, 2018 u tordna lill-Pulizija sabiex imexxu l-proceduri mehtiega.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smigh quddiem il-Qorti Kriminali ghal nhar id-29 ta' Marzu, 2018 u sussegwentament ghat-28 ta' Mejju, 2018 ghas-sentenza, madanakollu stante li r-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti a bazi ta' zball genwin ma kienx prezenti nhar it-28 ta' Mejju, l-appell gie dikjarat dezert.

Is-socjetà rikorrenti umilment tissottometti illi l-mod kif tmexxew il-proceduri istitwiti mill-esponenti a tenur tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien leziv tad-drittijiet fondamentali tal-istess socjetà, hekk kif sanciti mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ser jigi elaborat f'dan ir-rikors u fis-smiegh tieghu minn dina l-Onorabbli Qorti.

## A. Dritt ghal Smiegh Xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea)

Huwa palesi li kull persuna, kemm dik legali kif ukoll persuna naturali, ghandha d-dritt illi tgawdi minn smiegh xieraq meta tali persuna tibda proceduri ghal decizjoni quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti.  Tali dritt huwa salvagwardjat minn Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, minn Kapitolu 319 tal-

Ligijiet ta' Malta kif ukoll minn artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal- Bniedem.

Is-socjetà rikorrenti temmen illi l-mod kif tmexxew u l-mod kif il-gudikant wasal ghad-decizjoni tieghu fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) istitwiti mill-esponenti fl-ismijiet 'Valletta Freight Services vs Kummissarju tal-Pulizija' jilledi d-dritt tal-istess socjetà ghal smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem u kif formanti parti mil-ligi domestika ta' Malta permezz tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-fatti relevanti ghal dan ir-rikors kostituzzjonali jirrizultaw b'mod lampanti mill-procedura adottata mill-Qorti tal-Magistrati sabiex waslet ghad-decizjoni taghha ta' nhar is-17 ta' Marzu, 2018.

Kif jemergi mill-atti tal-kawza hawn fuq imsemmija, b'digriet ta' nhar is-7 ta' Dicembru, 2017, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat "notifika tar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija lir-rikorrent li ghandu hamest'ijiem biex iwiegeb, jikkummenta jew jirregola ruhu skond il-kaz."

Madanakollu la tali digriet u wisq anqas ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ma gew notifikati lis-socjetà rikorrenti jew lir-rapprezentant legali taghha.

Ghaldaqstant is-socjetà rikorrenti baqghet qatt ma giet notifikata:

1. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien prezenta r-risposta tieghu;
2. Illi l-Qorti ordnat illi tali risposta tigi notfikata lill-istess socjetà; kif ukoll li
3. L-istess socjetà kellha d-dritt twiegeb ghal tali risposta.

Fid-dawl tas-suespost u b'konsegwenza diretta ta' dan in-nuqqas min-naha tar-Registratur tal-Qrati u Kriminali Tribunali, is-socjetà rikorrenti ma kellha l-ebda possibilità illi tippartecipa

f'tali process u konsegwentament l-Onorabbli Qorti baqghet ma semghetx l-argumenti tal-esponenti.

Tant hu hekk illi t-talba maghmula a tenur tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali giet deciza b'digriet ta' nhar is-17 ta' Marzu, 2018 minghajr mas-socjetà rikorrenti pprezentat il-provi li kellha f'idejha, galadarba d-digriet ta' nhar is-7 ta' Dicembru, 2017 baqa' qatt ma gie notifikat lilha. Provi li effettivament l-istess socjetà kienet intrabtet permezz ta' garanzija li tipproduci.

Konsegwentament, frott ta' dan in-nuqqas krucjali, is-socjetà rikorrenti, ghalkemm kellha kull dritt, baqghet qatt ma giet mismugha u ghad-dirittura baqghet qatt ma giet notfikata bil-possibbilità illi tressaq 'il quddiem l-argumenti taghha.

Kien biss wara l-ghoti tad-digriet finali illi l-istess socjetà saret konxja bir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u bl-opportunità illi taghtha l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati.

Fid-dawl tas-suespost qieghda ssir referenza ghal dak deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph John Gatt vs Ir-Registratur tal-Qrati et."**[1] fejn gie deciz li:

> **"Illi d-dritt ghal smiegh xieraq, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura li tkun fis-sehh minn zmien ghal zmien. Imma dan igib mieghu wkoll li jekk il-procedura tistabilixxi regoli biex bihom jithaddem is-smigh kif imiss tal-kawzi, in-nuqqas ta' tharis tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti ghandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, igib mieghu censura u jaghti lok ghal rimedju, izjed u izjed jekk ghan-nuqqas ta' tharis imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew htija.**
>
> **Illi b'danakollu, jekk minhabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex tithaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jbati bla htija c-cittadin, l-Istat irid jaghmel tajjeb ghal tali tbatija."**

[1] Deciza nhar id-29 ta' Lulju, 2010 per Onor. Imhallef J. R. Micallef

Ghandu jigi mfakkar dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **'Salesi vs Italy'** fejn il-Qorti dwar l-implikazzjonijiet u l-implementazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rriteniet illi:

> **"...it must not be forgotten that Article 6 para. 1 (art. 6-1) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements."**

Fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz, l-esponenti ssaqsi, kif jista' qatt jinghad li gew osservati r-regoli procedurali stabbiliti sabiex il-partijiet ikollhom smiegh xieraq, meta ir-risposta tal-parti l-ohra tal-kawza baqghet qatt ma giet notifikata lilha kif ukoll l-ordni tal-Qorti fejn gie ordnat li ssir notifika ta' digriet li kien jippermetti lis-socjetà rikorrenti tressaq 'il quddiem l-argument taghha in sostenn tat-talba taghha maghmulha fir-rikors promotur, baqghet qatt ma giet ezegwita b'detriment kbir ghall-istess socjetà?

Tali negligenza u traskuragni tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali waslet sabiex l-esponenti effettivament giet pprivata milli tippartecipa fil-process penali skond ir-regoli stabbiliti, kif fuq kollox kellha kull dritt li taghmel.

*Di più* qieghda ssir referenza ghal sentenza ohra ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Christopher Cassar v. Onorevoli Prim Ministru et.'[2], fejn il-Qorti rriteniet illi:

> "L-intimati jsostnu li in kwantu li d-difiza kienet taf li l-Prosekuzzjoni nghatat il-fakoltà li tipprezenta n-nota ta' sottimissjonijiet taghha, liema nota giet ipprezentata entro t-terminu moghti mill-Qorti tal-Magistrati, seta' facilment jigi vverifikat jekk din in-nota gietx ipprezentata jew le u dan specjalment meta wiehed iqis li s-sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati fid-19 ta' Gunju 2007 u cjoe 'l fuq minn sena wara li giet ipprezentata n-nota ta'

[2] Deciza nhar it-22 ta' Frar, 2017 per Onor. Imhallef A. Felice

sottomissjonijiet in kwistjoni mill-prosekuzzjoni. Filwaqt illi l-Qorti tapprezza li huwa minnu li l-avukat difensur tar-rikorrent seta' jivverifika jekk gietx ipprezentata din in-nota, **mill-perspettiva tal-principju ta' equality of arms, il-Qorti taqbel mar-rikorrent li ladarba n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni baqghet ma ngibitx a konjizzjoni tad-difiza kif ordnat mill-Qorti, f'dan il-kaz gie lez id-dritt tar-rikorrent qua imputat ghal smigh xieraq."** (sottolinear tal-esponenti)

*Di più* ssir referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Spiteri[3]"

> "Illi ghalkemm mhux eskluz li l-Ewwel Qorti setghet hadet xi "judge's notes" ta' din ix-xhieda, w li ghalhekk kellha fil-pussess taghha s-sustanza tal-istess xhieda, peress li ma saret ebda referenza ghal dan ix-xhud fis-sentenza appellata, din il-Qorti se tkun totalment priva mill-beneficcju li tkun taf x'kien fiha x-xhieda ta' Noel Azzopardi, almenu fis-sustanza taghha w ghalhekk mhux ser tkun f'posizzjoni li tirrevedi l-provi fl-interità taghhom ghax parti mill-provi mhumiex ghad-disposizzjoni taghha.
>
> **Illi f'dan in-nuqqas, l-Qorti tirravviza difett serju procedurali li jimpediha f'dan l-istadju, kif del resto anki seta' impedixxa lill-Ewwel Qorti, milli taghmel evalwazzjoni shiha w kompleta tal-fatti migjuba quddiem dik l-istess Qorti. Tali difett procedurali huwa serju bizzejjed biex iwassal ghan-nullità tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll biex konsegwentement iwassal ghan-nullità tas-sentenza appellata**." (enfasi tal-esponenti)

Fil-kaz odjern, sforz l-imsemmi nuqqas li effettivament pprekluda lill-esponenti milli tressaq 'il quddiem il-provi illi kellha fil-pussess taghha, il-Qorti ma setghet qatt taghmel evalwazzjoni shiha u kompleti tal-fatti migjuba quddiemha stante li semghet naha wahda biss.

[3] Deciza nhar is-16 ta' Lulju, 2009 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

Kemm il-Qrati nostrana kif ukoll dawk Ewropej jghallmu illi l-principju tal-'*equality of arms'* ghandu jikkaratterizza kull process guridiku. In difett ta' dan l-element procedurali, jinholoq zbilanc processwali. Stante li fil-kaz *de quo*, il-Qorti setghet tisma' biss naha wahda, ossia il-Kummissarju tal-Pulizija, in-nuqqas tar-Registratur mhux tali sahhah il-pozizzjoni legali tal-istess Kummissarju izda ppregudika gravament il-posizzjoni legali tal-esponenti. Di fatti fid-dawl tal-fatt illi frott tali nuqqas, is-socjetà rikorrenti baqghet ma rrispondietx ghar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-argumenti tal-Kummissarju tal-Pulizija setghu gew ventilati u msahha ulterjorment bhala konsegwenza diretta tal-fatt li l-potenzjalità biex is-socjetà rikorrenti tirribatti tali argumenti permezz tar-risposta taghha giet menomata.

B'rizultat ta' din il-lezjoni ta' dan il-principju procedurali li jsawwar id-dritt ta' smiegh xieraq u li minnu ghandu jgawdi kull persuna, il-posizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija giet ivvantaggjata filwaqt li l-qaghda tal-esponenti giet mankament zvantaggjata.

Fid-dawl tas-suespost, jigi mfakkar dak li gie mghallem mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'diversi stanzi. Fis-sentenza fl-ismijiet '<u>A.B. vs Slovakia</u>'[4], il-Qorti rriteniet illi:

> **"55. The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent (see Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, judgment of 27 October 1993, Series A no. 274, p. 19, § 33; Ankerl v. Switzerland, judgment of 23 October 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-V, pp. 1567-68, § 38). In this context, importance is to be attached to, inter alia, the appearance of the fair administration of justice. Here, as in other aspects**

[4] Deciza nhar l-4 ta' Marzu, 2003, Numru tal-Applkazzjoni 41784/98

**of Article 6, the seriousness of what is at stake for the applicant will be of relevance to assessing the adequacy and fairness of the procedures (see P., C. and S. v. the United Kingdom, no. 56547/00, § 91, 16 July 2002).”**

A bazi tas-suespost, l-esponenti taghmel referenza ghat-taghlim tal-awturi Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb “Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998)” fejn gie ritenut illi:

**"When is a hearing "fair"? In the Kraska Case, the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: " ... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."**

Ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom, madanakollu fl-umli fehma tal-esponenti fid-dawl tas-sentenza supra citati, tali nuqqas procedurali fid-dawl tal-proceduri hawn fuq imsemmija, kien tant determinati ghall-ezitu tal-kawza fil-kaz konkret illi dina l-Onorabbli Qorti tista’ tasal ghall-konkluzjoni illi l-esponenti ma kellhiex smiegh xieraq.

Kwindi, fid-dawl tas-suespost, is-socjetà esponenti tishaq illi tali nuqqas jammonta ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tal-istess socjetà skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-agir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u

2. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skond il-ligi u cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Qabel xejn dan il-gudizzju ma jistax jitqies bhala wiehed shih ghaliex fil-kawza ma giex imdahhal il-Kummissarju tal-Pulizija li kien parti fil-proceduri ta' sfida li qed jigu attakkati mill-kumpannija rikorrenti.

B'mod preliminari, jinghad ukoll, li din l-Onorabbli Qorti ghandha toqghod lura milli tuza s-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha moghtija lilha skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ghaliex il-kumpannija rikorrenti kellha r-rimedju msemmi fl-artikolu 541(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tikkontesta d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt il-kumpannija rikorrenti pruvat tinqeda b'dan ir-rimedju izda minhabba nuqqasijiet taghha, dan ir-rimedju gie dikjarat bhala li gie abbandunat mill-Qorti Kriminali. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi li tinqeda bir-rimedju eccezzjonali tal-kawza kostituzzjonali ladarba hija naqset milli tindokra kif imiss ir-rimedju ordinarju provdut fl-artikolu 541(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kellu l-potenzjal li jtiha dak li kienet qeghda tfittex.

Bla hsara ghall-permess, xorta wahda l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti ma tistax tirnexxi fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn iz-zewg artikoli jolqtu biss proceduri gudizzjarji li jkunu jmissu ma' drittijiet civili jew ma' akkuzi kriminali. Sewwa sew fil-kaz tal-lum, il-proceduri ta' sfida li qeghdin jigu kkontestati mill-kumpannija rikorrenti la kienu jinvolvu drittijiet civili tal-kumpannija rikorrenti u lanqas kien jinvolvu akkuzi kriminali li nhargu kontriha.

Tabilhaqq il-garanziji procedurali msemmija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jghoddu biss ghal min ikun qieghed jigi mixli b'reat. Il-kumpannija rikorrenti ma kienitx qeghda tigi akkuzata b'xi reat fil-proceduri ta' sfida de quo agitur. Anzi f'dawk il-proceduri ta' sfida, l-kumpannija rikorrenti kienet qeghda titlob lill-Qorti tal-

Magistrati sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi mgieghel jiehu l-passi mehtiega biex johrog akkuzi kriminali kontra haddiehor. Fuq kollox il-hsieb wara l-azzjoni ta' sfida mhijiex biex jigu determinati xi akkuzi kriminali izda biss biex jigi mistharreg jekk il-Kummissarju tal-Pulizija ghamilx sew li ma bediex proceduri kriminali fuq rapport jew denunzja mressqa lilu. Ghalhekk ladarba fil-proceduri ta' sfida ma kienux qeghdin jigu decizi akkuzi mahruga kontra l-kumpannija rikorrenti, hija ma tistax tinvoka favuriha d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

F'kull kaz il-kumpannija rikorrenti mhijiex siewja meta tghid fir-rikors taghha li hija kellha xi jedd li tinghata l-opportunità li twiegeb u twaqqa' dak li kien qieghed jghid il-Kummissarju tal-Pulizija. L-artikolu 541(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mkien ma jaghti jedd bhal dan. Anzi dan l-artikolu jhalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi jekk ghandhiex tisma' l-provi tar-rikorrenti u tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Mill-banda l-ohra jekk il-kumpannija rikorrenti riedet tkun taf x'qal il-Kummissarju tal-Pulizija fit-twegiba tieghu, kulma kellha taghmel huwa li tmur tara l-atti tal-proceduri. Hija ma kellhiex tippretendi li l-atti jaslu ghandha, ladarba kienet hi stess li xprunat il-proceduri ta' sfida. Tabilhaqq kien jaqa' fuqha u kien fl-interess taghha li tassumi responsabbilità billi zzur l-atti tal-proceduri biex b'hekk tikseb l-ahhar taghrif dwar dawk l-istess proceduri. Dan aktar u aktar meta wiehed iqis li skond l-artikolu 541(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati mhijiex marbuta li tappunta r-rikors ghas-smigh jew li tisma' xi provi.

Jekk xejn kien nuqqas tal-kumpannija rikorrenti, li bejn l-14 ta' Novembru 2017 (data ta' meta hija pprezentat ir-rikors) u s-17 ta' Marzu 2018 (data ta' meta gie deciz ir-rikors), qatt ma marret tikkonsulta ruha mal-atti tal-process. Li kieku ghamlet dan hija kienet taf kemm bit-twegiba tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-talba taghha. La l-kumpannija rikorrenti ma mxietx b'mod diligenti, hija ghandha tbati l-konsegwenzi ta' ghemilha.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-

talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari jigi eccepit illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha stante li s-socjetà rikorrenti kellha rimedju ordinarju a disposizzjoni taghha. In fatti bil-qima jinghad illi s-socjetà rikorrenti kellha r-rimedju li tikkontesta d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li fil-fatt ezercitat tant li gie intavolat appell li sussegwentement gie dikjarat dezert minhabba nuqqas da parti tas-socjetà rikorrenti. Kwindi s-socjetà rikorrenti ma tistax issa tirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali la darba naqset milli tezercita kif imiss ir-rimedju ordinarju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi fil-proceduri ta' sfida li s-socjetà rikorrenti intavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien qed jintalab sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kriminali kontra persuni ohra u ghaldaqstant din l-azzjoni hija monka stante li l-garanziji procedurali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kosittuzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jolqtu biss lil kull min ikun akkuzat b'reat.

F'dan il-kaz is-socjetà rikorrenti talbet lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tindaga jekk il-Kummissarju tal-Pulizija kienx korrett meta ma bediex proceduri kriminali kontra persuna/i indikati fil-kwerela tal-istess socjetà rikorrenti u ghalhekk stante li l-proceduri ta' sfida ma kienux fil-konfront tas-socjetà rikorrenti, d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistghu jigu invokati mill-istess socjetà.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost jidher li s-socjetà rikorrenti qed tattribwixxi l-ilment taghha ghall-operat tal-amministrazzjoni tal-Qorti u qed tghid li in segwitu tad-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Dicembru 2017, naqset milli tinnotifika lis-socjetà rikorrenti bir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija b'dan illi s-socjetà rikorrenti kellha hamest'ijiem biex twiegeb, tikkumenta jew tirregola ruhha skond il-kaz.

Mill-atti processwali huwa evidenti li fid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2017 hemm zball fis-sens illi kellu jaqra 'tordna n-notifika tar-rikors lill-Kummissarju tal-Pulizija ... ...' u mhux 'tordna n-notifika tar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija lir-rikorrenti ... ...'. Tant hu hekk li l-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta r-risposta tieghu fit-12 ta' Jannar tas-sena 2018 wara li gie notifikat hu stess bir-rikors mahluf tas-socjetà rikorrenti u d-digriet tas-7 ta' Dicembru tas-sena 2017 kif anke evidenzjat mid-dokument anness u mmarkat "Dok. A".

In oltre jigi rilevat li s-socjetà rikorrenti kellha kull dritt li tara l-atti processwali u ghaldaqstant kien fl-interess taghha li tmur tara l-atti, multo magis meta wiehed iqis li ai termini tal-artikolu 541(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati mhix marbuta li tappunta r-rikors ghas-smigh jew tisma' l-provi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kieku s-socjetà esponenti segwiet il-process kienet tigi a konjizzjoni tar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll kienet tkun f'posizzjoni li tigbed l-attenzjoni tad-deputat registratur li ma kienet giet notifikat bir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposta ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat illi fuq talba tas-soċjetà rikorrenti ġie msejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat it-twegiba tal-imsejjah fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz taghha eccepixxa illi:

B'mod preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha toqghod lura milli tuza s-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha moghtija lilha skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ghaliex il-kumpannija rikorrenti kellha r-rimedju msemmi fl-artikolu 541(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex

tikkontesta d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt il-kumpannija rikorrenti ppruvat tinqeda b’dan ir-rimedju izda minhabba nuqqasijiet taghha, dan ir-rimedju gie dikjarat bhala li gie abbandunat mill-Qorti Kriminali. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi li tinqeda bir-rimedju eccezzjonali tal-kawza kostituzzjonali la darba hija naqset milli tindokra kif imiss ir-rimedju ordinarju provdut fl-artikolu 541(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kellu l-potenzjal li jtiha dak li kienet qeghda tfittex.

Bla hsara ghall-premess, xorta wahda l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti ma tistax tirnexxi fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn iz-zewg artikoli jolqtu biss proceduri gudizzjarji li jkunu jmissu ma’ drittijiet civili jew ma’ akkuzi kriminali. Sewwasew fil-kaz tal-lum, il-proceduri ta’ sfida li qeghdin jigu kkontestati mill-kumpannija rikorrenti la kienu jinvolvu drittijiet civili tal-kumpannija rikorrenti u lanqas kien jinvolvi akkuzi kriminali li nhargu kontriha.

Tabilhaqq il-garanziji procedurali msemmija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jghoddu biss ghal min ikun qieghed jigi mixli b’reat. Il-kumpannija rikorrenti ma kienitx qeghda tigi akkuzata b’xi reat fil-proceduri ta’ sfida *de quo agitur*. Anzi f’dawk il-proceduri ta’ sfida, il-kumpannija rikorrenti kienet qeghda titlob lill-Qorti tal-Magistrati sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi mgieghel jiehu l-passi mehtiega biex johrog akkuzi kriminali kontra haddiehor. Fuq kollox il-hsieb wara l-azzjoni ta’ sfida mhijiex biex jigu determinati xi akkuzi kriminali izda biss biex jigi mistharreg jekk il-Kummissarju tal-Pulizija ghamilx sew li ma bediex proceduri kriminali fuq rapport jew denunzja mressqa lilu. Ghalhekk la darba fil-proceduri ta’ sfida ma kienux qeghdin jigu decizi akkuzi mahruga kontra l-kumpannija rikorrenti, hija ma tistax tinvoka favuriha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

F’kull kaz il-kumpannija rikorrenti mhijiex siewja meta tghid fir-rikors taghha li hija kellha xi jedd li tinghata l-opportunità li twiegeb u twaqqa’ dak li kien qieghed jghid il-Kummissarju tal-Pulizija. L-artikolu 541(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mkien

ma jaghti jedd bhal dan.  Anzi dan l-artikolu jhalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi jekk ghandhiex tisma' l-provi tar-rikorrenti u tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Mill-banda l-ohra jekk il-kumpannija rikorrenti riedet tkun taf x'qal il-Kummissarju tal-Pulizija fit-twegiba tieghu, kulma kellha taghmel huwa li tmur tara l-atti tal-proceduri.  Hija ma kellhiex tippretendi li l-atti jaslu ghandha, la darba kienet hi stess li xprunat il-proceduri ta' sfida.  Tabilhaqq kien jaqa' fuqha u kien fl-interess taghha li tassumi responsabbilità billi zzur l-atti tal-proceduri biex b'hekk tikseb l-ahhar taghrif dwar dawk l-istess proceduri.  Dan aktar u aktar meta wiehed iqis li skond l-artikolu 541(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati mhijiex marbuta li tappunta r-rikors ghas-smigh jew li tisma' xi provi.

Jekk xejn kien nuqqas tal-kumpannija rikorrenti, li bejn l-14 ta' Novembru 2017 (data ta' meta hija pprezentat ir-rikors) u s-17 ta' Marzu 2018 (data ta' meta gie deciz ir-rikors), qatt ma marret tikkonsulta ruhha mal-atti tal-process.  Li kieku ghamlet dan hija kienet tkun taf kemm bit-twegiba tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghat-talba taghha.  La l-kumpannija rikorrenti ma mxietx b'mod diligenti, hija ghandha tbati l-konsegwenzi ta' ghemilha.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti ssib li ġie leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali minħabba ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*

fil-proċeduri ta' sfida fl-ismijiet **Valletta Freight Services Limited vs Kummissarju tal-Pulizija**.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

L-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> (*2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

Mill-atti jirriżulta illi nhar l-14 ta' Novembru 2017, is-soċjetà rikorrenti intavolat rikors a tenur tal-artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri proċedura ta' sfida (*challenge*) lill-Kummissarju tal-Pulizija.

B'digriet tas-7 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat '*notifikat tar-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija lir-*

*rikorrent li għandu ħames (5) t'ijiem biex iwieġeb, jikkummenta jew jirregola ruħu skond il-każ*.'

Madanakollu, jirriżulta illi sa dakinhar fil-fatt ma kienet saret l-ebda risposta da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija. Isegwi għalhekk li ma kien hemm l-ebda risposta biex tiġi notifikata lis-soċjetà rikorrenti. Id-digriet tas-7 ta' Diċembru ma ġiex notifikat lis-soċjetà rikorrenti. Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ġiet ippreżentata fit-12 ta' Jannar 2018.

Sussegwentement, fl-17 ta' Marzu 2018, il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti '*stante li ma ġewx sodisfatti l-voti tal-Liġi nonche ma jirriżultax li l-inerzja tak-Kummissarju tal-Pulizija ma kienetx dovuta għal raġunijet inġustifikabbli*.'

Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li minħabba li d-digriet ma ġiex notifikat lilha, hija qatt ma setgħet tikkummenta dwar dak mistqarr mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hija tkompli billi tgħid li kien biss meta ġiet notifikata b'dan id-digriet tas-17 ta' Marzu li saret taf bir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Diċembru 2017. Tgħid għalhekk li ġie leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq.

Is-soċjetà rikorrenti intavolat rikors quddiem il-Qorti Kriminali nhar id-29 ta' Marzu 2018 a tenur tal-artikolu 541(3) tal-Kap. 9 fejn talbet lill-Qorti tirrevoka d-digriet tas-17 ta' Marzu 2018. Dan ir-rikors tħalla għad-digriet għat-28 ta' Mejju 2018. Peress illi dakinhar ma deherx ir-rappreżentat tas-soċjetà rikorrenti, il-Qorti Kriminali ddikjarat il-proċeduri deżerti ai termini tal-artikolu 422 tal-Kap. 9. Ir-rikorrenti tgħid illi r-rappreżentant tagħha ma kienx deher għas-seduta dakinhar peress li ħa żball fid-data tad-differiment.

Għalkemm is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors ai termini tal-istess artikolu 422 sabiex titlob lill-Qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba permezz ta' digriet tas-6 ta' Ġunju 2018:

> "*Illi r-rikorrent ressaq bħala skuzanti li huwa żbalja d-data tal-appell għaliex kien konvint illi din kellha tkun l-għada; illi*

*mill-atti jemerġi illi l-avukat difensur tal-appellant kien preżenti, ċio' nonostante u ma ingħatatx din ir-raġuni wara li l-Qorti staqsiet għaliex ma kienx preżenti u wara li għadda żmien konsiderevoli sabiex l-appellant jilħaq jeċċedi l-Qorti."*

L-intimati ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali hija llum sorvolata in kwantu li fuq talba tas-soċjetà rikorrenti din il-Qorti ordnat illi jissejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija.

In linea preliminari wkoll, l-intimati jeċċepixxu li l-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha fid-dawl ta' dak illi jipprovdi l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan fid-dawl tal-fatt illi s-soċjetà rikorrenti diġà ppruvat tikkontesta d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati u kien minħabba nuqqasijiet tagħha li l-appell minn dak id-digriet ġie dikjarat deżert.

L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proviso relattiv jipprovdu l-istess iżda b'riferenza għad-drittijiet skont dik il-Konvenzjoni.

Dwar l-eċċezzjoni tan-non eżawriment ta' rimedji ordinarji, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta' April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

"*(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalità, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

*(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b`mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Alfred Degiorgio vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, tas-16 ta' Diċembru 2019, qalet hekk:

*"Il-liġi ma tridx li rikorrent ikollu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji taħt liġi ordinarja u minflok jipproponi kawża kostituzzjonali li fiha jilmenta li sofra leżjoni ta' drittijiet fundamentali. Il-liġi ordinarja hi biżżejjed u r-rikorrent għandu fl-ewwel lok jeżawrixxi r-rimedji li jkollu taħt dik il-liġi."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali, tas-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

*"14. Din il-qorti tibda biex tgħid illi r-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l-istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed.*

*15. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament."*

Finalment, issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju 2006 fil-kawża fl-ismijiet Nardu Balzan Imqareb vs Reġistratur ta-Qrati tal-Ġustizzja, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta, fejn ġiet insenjat hekk:

*"Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-intimati li s-soċjetà rikorrenti kellha għad-disposizzjoni tagħha rimedju ordinarju effettiv sabiex tattakka dak li hija ssejjaħlu nuqqas proċedurali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

L-artikolu 541(3) tal-Kap. 9 ipprovda lis-soċjetà rikorrenti bi proċedura għat-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Kriminali. Kif diġà ntqal, is-soċjetà rikorrenti utilizzat din il-proċedura u fil-fatt, mir-rikors li hija ppreżentat quddiem il-Qorti Kriminali jirriżulta li wieħed mill-aggravji tagħha kien proprju l-istess ilment li qed tagħmel permezz tal-proċeduri tal-lum, jiġifieri li ma setgħetx twieġeb għal dak li ġie mistqarr mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta tiegħu.

L-appell tas-soċjetà rikorrenti ġie dikjarat deżert għaliex ir-rappreżentant tagħha naqas milli jidher quddiem il-Qorti Kriminali dakinhar tas-smigħ tal-appell. Il-Qorti tinnota li s-soċjetà rikorrenti mhijiex tgħid illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali

meta r-rikors tagħha ġie dikjarat deżert. Għaldaqstant, ir-raġuni għalfejn ittieħdet din id-deċiżjoni u jekk ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti kienx ħa żball ġenwin jew le mhuwiex rilevanti għal finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami.

Fuq kollox, jidher illi dakinhar illi l-appell ġie dikjarat deżert, il-Qorti Kriminali tat lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti biżżejjed ħin sabiex jasal il-Qorti. Għal raġunijiet li jafhom biss hu, baqa' ma marx. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Zubac v Croatia, deċiża mill-Qorti Ewropea fil-5 ta' April 2018:

> "*…procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157).*"

Għalhekk, jirriżulta ċar illi s-soċjetà rikorrenti kellha għad-disposizzjoni tagħha rimedju xieraq li jindirizza l-lanjanza tagħha u li madanakollu, naqset mingħajr raġuni valida li tagħmel użu minnu.

Stabbilit dan kollu, il-Qorti ma tistax ma żżidx li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċedura li jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. L-ilment tar-rikorrenti dwar nuqqas ta' notifika tar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa għal kollox fieragħ u mingħajr l-ebda fondament ġuridiku.

Mill-atti jidher illi jista' jkun li hemm żball fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati in kwantu li sa dakinhar, kienet għadha lanqas biss ġiet ippreżentata r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija! Jista' jkun, il-Qorti tal-Maġistrati riedet li r-rikors tas-soċjetà rikorrenti jiġi notifikat lill-Kummissarju u mhux bil-kontra.

B'żieda ma dan, l-artikolu 541 ma jagħti l-ebda dritt lis-soċjetà rikorrenti tressaq xi provi u lanqas li twieġeb għar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija kif donnha qed tippretendi. Skont dak l-artikolu, il-Qorti għandha tisma' l-provi biss meta jkun meħtieġ

sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha li għandha tkun fuq bażi ta' *prima facie*.

Għalhekk għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati u mill-imsejjaħ fil-kawża billi jirrizulta li s-soċjetà rikorrenti kellha għad-disposizzjoni tagħha rimedju ordinarju li jindirizza l-lanjanza tagħha. Konsegwentement, teħles lill-intimati u lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjez jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG